MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 912/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Fabian Mifsud ta' 24 sena iben Victor u Angela xebba Grech, imwieled Pieta`, fil-11 ta' Frar 1988 u joqghod Jesus, Flat 2, Triq Censu Farrugia, Msida, detentur tal-Karta tal-Identita Nru. 103188(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Fis-26 ta' Awissu, 2012 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija fi Triq il-Gharghur, Iklin, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NOV199 tal-marka

Toyota Vitz, ghad-dannu ta’ Roberta Maria Fenech, liema ammont tal-hsara ma kienx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma kien aktar minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47)..

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ta’ dak li ghamel u hallas lil parte leza id-danni ikkaguntati minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tilibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed torbot lill-hati taht garanzija personali ta’ hames mitt euro (€500) sabiex izomm il-pace ma Roberta Mamo Fenech u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------